# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 7**

**Citazzjoni numru 1624/92 GC**

**Alexander u Maria mizzewgin Gray Bannerman, Mhairi mart Melovan sive Emanuel Galea, Alexander, Andrew u George, ahwa Gray Bannerman, kif ukoll l-istess Maria Gray Bannerman bhala mandatarja ta' wliedha msiefrin Emanuel Ian, Morag mart Peter Calleja u l-istess Peter Calleja u Catriona, ahwa Gray Bannerman, ilkoll bhala eredi ta' Leonard Angus Gray Bannerman, in-nisa miżżewġa debitament assistiti minn żwieġhom u b'nota tal-14 ta' Frar 1995 Catriona Gray Bannerman assumiet l-atti tal-kawża u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2001 il-ġudizzju ġie trasfuż fuq Maria Gray Bannerman stante l-mewt ta' żewġha l-attur Alexander Gray Bannerman, u b'nota tat-2 ta' Marzu 2006 Ian Gray Bannerman, Morag Calleja u żewġha Peter Calleja assumew l-atti tal-kawża stante li rritornaw Malta u Maria Gray Bannerman assumiet l-atti tal-kawża in rappreżentanza ta' Catriona mart Andrew Azzopardi u tal-istess Andrew Azzopardi peress illi huma assenti minn dawn il-gżejjer u n-nisa mizzewga debitament assistiti minn zwieghom**

**v.**

**John Camilleri u Joseph Camilleri f'isimhom proprju u okkorrendo l-istess John Camilleri fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta` "C.B.A. Oilfield Services Limited" (registrata C4371); u Rita Collict u l-istess John Camilleri bhala Diretturi u in rapprezentanza**

**tas-socjeta` "C.B.A. Oilfield Services Limited" (registrata C7284) u b'dikriet tat-13 ta' Gunju 1995 Dottor Anthony Cutajar u l-P.L. Vera Lungaro Mifsud gew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredita` gjacenti ta' John Camilleri li miet fil-mori tal-appell u b'digriet tal-14 ta' Gunju 1996 Dr Tonio Mallia u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan ġew nominati kuraturi biex jirrappreżentaw lis-soċjetà CBA Oilfield Services Ltd u b'digriet tas-26 ta' Frar 2004 Dr Tonio Mallia ġie sostitwit b'Dr Leslie Cuschieri.**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) wara s-sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, li nghatat fis-26 ta' Jannar, 2018. Permezz ta' dik is-sentenza, (i) gie kkonfermat li z-zewg socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghall-incident li fih miet Leonard Angus Gray Bannermann; (ii) ikkonfermat id-danni likwidati fis-somma ta' €200,000; (iii) hassret is-sentenza appellata fejn helset iz-zewg socjetajiet konvenuti mill-harsien tal-gudizzju u minflok, iddikjarat li z-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom iwiegbu ghall-incident u kkundannathom flimkien *in solidum* ihallsu lill-atturi d-danni likwidati ta' €200,000; (iv) hassritha fejn iddikjarat liz-zewg konvenuti appellanti (Joseph Camilleri u l-wirt ta' John Camilleri) personalment responsabbli ghall-incident u kkundannathom flimkien *in solidum* ihallsu d-danni; (v) hassritha fejn iddecidiet dwar l-ispejjez u ordnat, minflok, illi l-ispejjez tal-ewwel grad u dawk tal-appell (hlief dawk gà decizi bis-sentenza ta' din il-qorti tat-8 ta' Ġunju 1998) jinqasmu hekk:

dawk taz-zewg konvenuti appellanti jhallsuhom l-atturi u l-ispejjez l-ohrajn kollha jhallsuhom iz-zewġ socjetajiet konvenuti flimkien; u (vi) hassritha fejn iddecidiet dwar l-imghax u ordnat minflok illi l-imghax fuq is-somma likwidata bhala danni jibda jghaddi minn hames snin qabel id-data tas-sentenza appellata, jigifieri mid-19 ta' Lulju 2008.

Ghall-ahjar intendiment ta' dawn il-proceduri, sejra tigi riprodotta s-sentenza kkontestata.

> "1. Dan huwa appell tal-konvenut Joseph Camilleri *proprio* u l-wirt tal-konvenut John Camilleri minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Lulju 2013 li sabithom flimkien responsabbli għall-mewt tal-awtur tal-atturi u ikkundannathom iħallsu d-danni ta' mitejn elf euro (€200,000). Huwa wkoll appell inċidentali tal-konvenuti minn dik il-parti tas-sentenza li ħelset lis-soċjetajiet konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju.
>
> "2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża, kif ukoll ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha, ġew imfissra hekk fis-sentenza li minnha sar dan l-appell:
>
>> "Din l-azzjoni qed issir minn l-omm u l-missier ta' Leonard Angus Gray Bannerman kif ukoll minn ħutu, ilkoll bħala l-eredi tiegħu. L-imsemmi Leonard Angus Gray Bannermann miet f'inċident waqt li kien qed jaħdem fil-Libja fit-13 ta' Frar 1984 u dan fil-kors tal-impieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta *C.B.A. Oilfield Services Limited*. Meta Banner-man miet kellu għoxrin (20) sena. Il-kawża qed issir kontra John Camilleri u Joseph Camilleri f'isimhom proprju u *occorrendo* l-istess John Camilleri fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* (minn issa msejħa "l-ewwel soċjetà"). Il-kawża qed issir ukoll kontra soċjetà oħra bl-istess isem *cioè C.B.A. Oilfield Services Limited* (minn issa msejħa "t-tieni soċjetà") u li ġiet reġistata mill-istess azzjonisti u għall-istess għanijiet tal-ewwel soċjetà. Il-konvenut John Camilleri miet fil-mori tal-proċeduri u għalhekk ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tiegħu. Ġew ukoll nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-ewwel soċjetà li tagħha l-mejjjet John Camilleri kien direttur u sus-segwentement l-istralċarju.
>>
>> "L-atturi qed jitolbu li l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu dikjarati responsabbli għad-danni riżultanti mill-mewt ta' Leonard Angus Gray Bannerman. Dan tal-aħħar kien impjegat mas-soċjeta *C.B.A. Oilfield*

*Services Limited* (l-ewwel soċjetà), li kienet ittella' nies sabiex jaħdmu ġewwa l-Libja. Ix-xogħol ta' dawn kien jikkonsisti fi skavar ta' valvi li kienu midfuna fl-art u fil-kostruzzjoni ta' kaxex tal-konkos madwar dawn l-istess valvi. Fil-ġurnata tal-inċident fatali l-istess Leonard Angus Gray Bannerman flimkien ma ċertu Leslie Mangion kienu qed jippreparaw ħofra sabiex imbagħad fiha jinstallaw *rebars*[1]. L-imsemmi Bannerman kien ġol-ħofra jżomm ir-*reinforcing bar* u kif din ippenetrat is-saff tal-konkos laqtet *high voltage cable* li fil-pront emetta kurrent qawwi. L-*overload protector* dak il-hin kellu jittripja u b'hekk jiġi evitat li jkun hemm l-imsemmija emissjoni ta' kurrent, però dan ma seħħx u b'hekk, sfortunatament, Leonard Angus Gray Bannerman sofra *high voltage shock* ta' 4,160 volt b'konsegwenzi fatali.

"L-atturi jattribwixxu din il-mewt għal negliġenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, kif ukoll għall-inadempjenza kontrattwali min-naħa tal-ewwel soċjetà. Il-konvenuti jissottomettu li l-azzjoni tal-atturi hi waħda mista, u *cioè* l-atturi qed jitolbu danni abbażi ta' reat kriminali kif ukoll abbażi ta' inadempjenza kuntrattwali. Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll li l-azzjoni hi preskritta. L-azzjoni abbażi ta' negliġenza kriminali ġiet iddikjarata preskritta mill-Qorti tal-Appell li però speċifikat li l-kawża setgħet tissokta abbażi tal-allegazzjoni l-oħra tal-atturi li kien hemm inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenuti. *Inoltre* l-konvenuti jispeċifikaw illi l-kuntratt tal-impieg in kwistjoni kien ġie ffirmat mill-ewwel soċjetà u l-mejjet Leonard Agius Gray Bannerman, u kwindi l-istess konvenuti ssottomettew u talbu li l-konvenuti kollha, apparti l-ewwel soċjetà, kellhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju. *Inoltre* l-konvenuti jsostnu li ma jirriżulta ebda ksur tal-imsemmi kun-tratt min-naħa tagħhom.

»Jirriżulta li l-ewwel soċjetà kienet ħadet sub-appalt biex tissupplixxi ħaddiema lid-ditta *Occidental of Libya, Inc.* B'hekk l-ewwel soċjetà kienet tibgħat ħaddiema Maltin, impjegati tagħha, biex jagħmlu xogħlijiet fil-Libja. Waħda mis-sottomissjonijiet tal-atturi hi li l-ewwel soċjetà naqset milli tassigura s-saħħa u l-ħajja tal-ħaddiema tagħha.

"Da parti tagħhom il-konvenuti jgħidu li l-ewwel soċjetà kienet tforni ħaddiema, għodod, impjant u materjali lill-imsemmija ditta, però ma kinitx tesegwixxi x-xogħol. Kienet l-imsemmija ditta li kienet tesegwixxi x-xogħlijiet però – hu minnu – bl-impjegati fornuti mill-ewwel soċjetà. *Inoltre*, dejjem skond il-konvenuti, l-*fire and safety experts* kienu jiġu impjegati mill-imsemmija ditta barranija. Jissottomettu wkoll li l-ewwel soċjetà ma setgħetx tagħmel assigurazzjoni u lanqas ma kellha ebda obbligu kuntrattwali li tagħmel tali assigurazzjoni *stante* li fil-kuntratt tal-impieg mal-mejjet ma kienx imniżżel l-obbligu li b'xi mod jassiguraw kontra dak li eventwalment seħħ.

"Jirriżulta li l-ewwel soċjetà ġiet reġistrata fil-21 ta' Frar 1979 u ġiet xolta fil-5 ta' Marzu 1984, tant li ġie wkoll nominat stralċarju. Sussegwentament fl-20 ta' Frar 1985 il-konvenuti irreġistraw kumpannija oħra bl-istess isem ta' *C.B.A. Oilfield Services Limited* bin-numru ta' reġistrazzjoni C7284. Il-konvenuti kkonfermaw li l-ewwel soċjetà ġiet xolta għal raġunijiet ta' taxxa. *In vista* tal-fatti kif irriżultaw hu diffiċli li din

[1] *Reinforcing bars*

l-asserzjoni titwemmen. Hu iktar verosimili li l-ewwel soċjetà ġiet xolta biex l-istess soċjetà tipprova taħrab mir-responsabilitajiet tagħha in segwitu għall-inċident in kwestjoni.

"Skond l-atturi hemm raġunijiet validi fil-liġi sabiex ir-responsabbiltà legali tinfirex ukoll fuq it-tieni soċjetà kif ukoll fuq il-konvenuti l-oħra personalment.

"Kif ġà rilevat u kif iddeċidiet il-Qorti tal-Appell, il-preżenti hi azzjoni mista in kwantu l-atturi qed jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni a bażi ta' negliġenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, u dan ukoll kif speċifikat fil-premessi fiċ-ċitazzjoni. L-azzjoni qed issir ukoll a bażi ta' danni kuntrattwali naxxenti minn kuntratt ta' impieg bejn l-ewwel soċjetà u l-mejjet Leonard Angus Gray Bannerman.

"L-onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet, b'mod definittiv, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif ibbażata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u dana bis-sentenza tat-8 ta' Gunju 1998, fejn l-appell tal-konvenuti ġie miċħud u fejn l-azzjoni tal-atturi, kif ibbażata fuq l-allegazzjoni li d-danni ġew ikkawżati mhux b'reat kriminali, hi estinta. F'dan ir-rigward ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell, fl-imsemmija sentenza, li -

> "Din il-qorti eżaminat bir-reqqa l-att taċ-ċitazzjoni u ssib li ma tistax però taqbel mal-appellant *proprio et nomine* [il-konvenuti] li l-azzjoni kif tentata hi purament waħda għad-dikjarazzjoni tar-responsabilità delittwuża jew kważi delittwuża li twassal għal-likwidazzjoni tal-kundanna għall-ħlas ta' danni hekk imsejħa akwiljani. Infatti l-azzjoni hi kjarament waħda mista in kwantu l-atturi appellati qegħdin jittantaw jitolbu mill-qorti l-likwidazzjoni ta' danni minnhom pretiżi kemm a bażi ta' negliġenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti tal-konvenuti, kif speċifikat fil-premessi, kif ukoll a bażi ta' danni kuntrattwali naxxenti minn kuntratt ta' impieg … … …"

"Il-Qorti tal-Appell kompliet tikkonsidra, fl-istess sentenza, li l-premessa prinċipali fl-att taċ-ċitazzjoni hi illi l-atturi:

> "għandhom dritt għad-danni kuntrattwali u dawk naxxenti minn reat in kwantu l-aġir tal-konvenuti huwa punibbli għan-negligenza kriminali. F'sitwazzjoni ta' din ix-xorta fejn l-azzjoni hi mista u bażata fuq premessi differenti tendenti għall-istess eżitu, ikunu applikabbli żewġ termini preskrittivi li jolqtu responsabilitajiet differenti tad-debitur fil-konfront tal-kreditur. Ma hemmx allura dubju illi dik il-parti tal-azzjoni li hija impernjata *ex contractu*, u li fiha l-atturi qegħdin jippretendu li għandhom dritt li jiġu riżarċiti għal xi danni konsegwenzjali għall-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta, ma tistax titqies li hi milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li fir-rigward ta' din il-parti tal-azzjoni ma tirriżultax li hi applikabbli. Dan ma jfissirx però illi tali perjodu preskrittiv ma jistax ikun applikabbli għal dik il-parti tal-azzjoni fejn l-atturi qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq aġir delittwuż jew kważi delittwuż. Taħt dan l-aspett allura tkun applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn u l-azzjoni għandha titqies li hi estinta. Naturalment iż-żewġ faċċati tal-azzjoni għandhom jibqgħu jinżammu separati u distinti u fil-każ taħt eżami għandha titqies li ġiet salvata dik il-parti tal-azzjoni li hi bażata fuq ir-riżarċiment ta' danni kuntrattwali fejn allura l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali."

“Għalhekk l-onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet li din l-azzjoni tal-atturi hi waħda mista u li l-azzjoni, kif ibbażata fuq danni naxxenti minn aġir delittwuż jew kważi delittwuż, hi estinta. Il-kawża però kellha tissokta a bażi tad-danni *ex contractu*, *cioè* danni naxxenti mill-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti. F’dan ir-rigward l-ewwel eżami li ser isir huwa jekk tirriżultax mill-provi l-inadempjenza kuntrattwali li qed jallegaw l-atturi, u sussegwentement jiġi eżaminat min mill-konvenuti għandu jinżamm responsabbli għal tali inadempjenza kuntrattwali.

“Jirriżulta … … … li l-imsemmi kuntratt ta’ impieg ġie ffirmat mill-ewwel soċjetà u mill-mejjet Leonard Bannerman. B’dan il-kuntratt Bannerman aċċetta li jaħdem għall-ewwel soċjetà taħt il-kondizzjonijiet u termini kollha kif kontenuti fl-istess kuntratt. Fl-opinjoni tal-qorti l-imsemmi kuntratt għandu jiġi interpretat fid-dawl ta’ kuntratt ieħor u *cioè* dak li kopja tiegħu tinsab esibita *a fol*. 206, u minn fejn jirriżulta illi l-ewwel soċjetà kellha ftehim mad-ditta barranija *Occidental Libya* li bih l-istess l-ewwel soċjetà ntrabtet li tforni lid-ditta nies u materjal għax-xogħol. F’dan il-ftehim, fost obbligi oħra, l-ewwel soċjetà ntrabtet li tikkonforma mal-liġijiet tax-xogħol kif applikabbli fil-Libja u, aktar importanti, li toħroġ assigurazzjoni msejħa *Workmen Compensation Insurance* fir-rigward tal-ħaddiema kollha tagħha li jintbagħatu l-Libja. Fl-istess ftehim ġie wkoll speċifikat li l-ħaddiema tal-ewwel soċjetà ma kellhomx jitqiesu bħala impjegati tad-ditta barranija.

“Il-paragrafu 7 tal-imsemmi ftehim bejn l-ewwel soċjetà u d-ditta estera jipprovdi –

> “Unless waived by Company, Contractor shall keep in force during the performance of this Contract, the following minimum insurance …”

“Kwindi jirriżulta li l-ewwel soċjetà kienet obbligata li tassigura l-ħaddiema tagħha sal-limiti stipulati fl-istess paragrafu 7. *Nonostante* din il-klawsola jirriżulta li l-ewwel soċjetà ma ħarġitx tali polza tal-assigurazzjoni. F’dan ir-rigward xhud prodott mill-konvenuti jsostni li tali assigurazzjoni, *cioè* kontra korriment jew mewt, ma jsirux fil-Libja. Dan bl-ebda mod ma ġie korroborat. *Inoltre* tali asserzjoni ma tistax titqies li hi verosimili u dan *in vista* tal-fatt illi jirriżulta li l-ewwel soċjetà aċċettat dan l-obbligu fil-ftehim mad-ditta barranija. Effettivament ma jidhirx li hemm ġustifikazzjoni għan-nuqqas tal-ewwel soċjetà li tonora l-obbligu tagħha fejn aċċettat li toħroġ assigurazzjoni.

“Għal din il-qorti l-konvenuti mhux korretti meta jissottomettu li l-ewwel soċjetà ma kellha ebda obbligu kuntrattwali mal-mejjet Bannerman li dan ikun kopert minn assigurazzjoni. Evidentement il-kuntratt tal-impieg bejn l-ewwel soċjetà u l-mejjet ġie iffirmat in konsegwenza tal-ftehim li sar bejn l-istess l-ewwel soċjetà u d-ditta estera. L-ewwel soċjetà ma setgħatx tesonera ruħha mill-obbligu tagħha li jemani mill-ftehim mad-ditta estera. Ovvjament Bannerman kien milqut mill-ftehim bejn l-ewwel soċjetà u d-ditta *Occidental* u b’hekk jista’ jingħad li Bannerman kellu d-dritt li jiġi assigurat. L-ewwel soċjetà kellha toħroġ assigurazzjoni li tkopri l-ħaddiema kollha tagħha inkluż il-mejjet Bannerman. *Inoltre* jirriżulta li, effettivament, l-ewwel soċjetà tħallset mid-ditta estera biex tipprovdi l-assigurazzjoni in kwestjoni. Fil-fatt jirriżulta li l-istess ditta estera rrimarkat mal-ewwel soċjetà –

> "I regret that I am not able to be of further assistance; however, I am sure you will understand that *Occidental* cannot accept responsibility where it has specifically contracted for and paid others to take such responsibility."

"Kwindi, meta kien fis-seħħ l-obbligu tal-ewwel soċjetà li toħroġ assigurazzjoni, l-istess soċjetà ngaġġat lill-mejjet Leonard Angus Gray Bannerman, però mingħajr ma ipprovdiet l-assigurazzjoni. Konsegwentement l-ewwel soċjetà għandha titqies li hi responsabbli għall-fatt li l-assigurazzjoni ma nħarġitx. Hawnhekk l-ewwel soċjetà ma aġixxietx bid-diliġenza tal-*bonus paterfamilias* u naqset serjament meta ma assiguratx il-ħajja tal-ħaddiema tagħha, liema ħaddiema kienu ser jagħmlu xogħol fid-deżert il-Libja, liema xogħol, min-natura tiegħu, huwa xogħol perikoluż u riskjuż.

"Apparti dan kollu, jibqa' l-fatt li l-ewwel soċjetà obbligat ruħha li tipprovdi assigurazzjoni, però sussegwentement naqset milli twettaq tali obbligazzjoni, bil-konsegwenza li ħalliet lill-mejjet mingħajr ma kien kopert b'assigurazzjoni. Li kieku kellu jintlaqa' l-argument tal-ewwel soċjetà li m'għandhiex tinżamm responsabbli għan-nuqqas tagħha illi toffri polza ta' assigurazzjoni, ifisser illi l-ewwel soċjetà tkun qed titħalla tgawdi min-nuqqas tagħha li twettaq obbligu li volontarjament daħlet għalih. B'hekk ukoll l-ewwel soċjetà tkun qed titpoġġa f'posizzjoni li ma jkollha bżonn tirrispondi lil ħadd għal tali nuqqas tagħha.

"Jirriżulta wkoll li l-ħaddiema tal-ewwel soċjetà ma ġewx informati u ma ngħatatilhomx spjegazzjoni ta' x'kienet tfisser pjattaforma oranġjo u *cioè* li fejn kien hemm pjattaforma tal-imsemmi kulur kien hemm *high voltage cable* midfuna. *Inoltre* nuqqas ieħor tal-ewwel soċjetà kien li hi ma bagħatitx *safety officer* fuq ix-xogħol *cioè* fejn kienu qed jaħdmu l-ħaddiema tagħha. F'dan ir-rigward ma tirriżultax suffiċentement dak li sostniet l-ewwel soċjetà li s-*safety officers* kienu responsabilità tad-ditta estera. Għalhekk jirriżulta li l-ewwel soċjetà għandha tirrispondi għat-talba tal-atturi rigwardanti d-danni kuntrattwali.

"L-atturi qed jiċċitaw lill-konvenuti John Camilleri (li miet fil-mori tal-kawża) u Joseph Camilleri f'isimhom proprju, lill-istess John Camilleri fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited*, *cioè* l-ewwel soċjetà. Qed jiċċitaw ukoll lit-tieni soċjetà. Fost il-konvenuti hemm kuraturi deputati li qed jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti tal-imsemmi mejjet John Camilleri kif ukoll kuraturi deputati li qed jirrappreżentaw lill-ewwel soċjetà.

"Dwar ir-responsabilità ta' John Camilleri (illum mejjet) u ta' Joseph Camilleri f'isimhom proprju, jiġi rilevat li l-kumpannija *C.B.A. Oilfield Services* (l-ewwel soċjetà) ġiet xolta xahar biss wara l-inċident fatali in kwestjoni li fih miet Leonard Angus Gray Bannerman. Sussegwentement, l-istess diretturi iffurmaw kumpanmija oħra, addirittura bl-istess isem, iżda ovvjament bin-numru ta' reġistrazzjoni differenti, bil-għan li ġġestixxi l-istess negozju illi kienet tiġġestixxi l-ewwel soċjetà.

> "Ma kien hemm l-ebda differenza bejn l-ewwel kumpannija u t-tieni kumpanija, fis-sens illi kien hemm l-istess azzjonisti u l-istess diretturi." (deposizzjoni ta' John Camilleri tal-15 ta' April 2003 -paġna 2).

"Kwindi abbażi ta' dawn iċ-ċirkostanzi, din il-qorti hi tal-fehma, fuq bażi ta' probabilità, kif *del resto* hu rikjest fil-kamp ċivili, li x-xoljiment tal-ewwel soċjetà sar biex tiġi evitata r-responsabilità tal-istess soċjetà fir-rigward tal-inċident in kwestjoni. Dan kien tentattiv biex l-ewwel soċjetà ma tħallasx id-danni relattivi għall-istess inċident. Kwindi l-aġir tad-diretturi tal-ewwel soċjetà kien intiż biex l-ewwel soċjetà tittanta taħrab mir-responsabilitajiet tagħha. Dan l-aġir għandu jitqies li hu wieħed frawdolenti intiż biex ikun ta' dannu għall-kredituri tal-istess soċjetà.

"Id-diretturi ta' soċjetà kummerċjali ma għandhomx jitħallew jagħmlu atti bħal dawn li huma ta' ħsara għall-kredituri tal-istess soċjetà. Meta l-ewwel soċjetà ġiet xolta xahar biss wara li ġara l-inċident, il-kredituri tagħha, fosthom l-atturi, sabu ruħhom fil-posizzjoni li ma kien hemm xejn fuq xiex jikkawtelaw jew jesegwixxu l-eventwali krediti tagħhom, appuntu *stante* li l-kumpannija ġiet xolta. F'dan ir-rigward lanqas ma jirriżulta li ngħata bidu lill-proċeduri li kellhom iwasslu sabiex is-soċjetà tiġi *wound up* u kwindi definittavament tiġi kanċellata mir-reġistru relattiv. Dan kollu hu wkoll indikattiv ta' aġir abusiv tal-azzjonisti u tad-diretturii tas-soċjetà in kwestjoni.

"F'sentenza datata 12 ta' Ottubru 2007, ċitazzjoni numru 25/2003, fl-imijiet Dr Andrew Borg Cardona *nomine v. Price Club Holdings Limited*, il-qorti qalet:-

> "Hu aċċettat, però, fid-duttrina u fil-ġurisprudenza, li, f'każ li jirriżulta abbuż ta' din ir-responsabilità limitata, il-qorti jkollha l-poter tħares wara dik il-limitazzjoni u żżomm lill-persuni responsabbli mit-tmexxija tal-kumpanija personalment responsabbli għall-konsegwenzi li jirriżultaw mill-aġir tal-kumpannija."

"*Una volta* li ġie stabbilit illi l-aġir tad-diretturi tal-ewwel soċjetà, meta xoljew l-ewwel soċjetà, xahar biss wara li ġara l-inċident fatali mertu ta' din il-kawża, kien frawdolenti u kien aġir abbużiv, intiż biss sabiex il-kredituri atturi jitqiegħdu fil-posizzjoni li s-soċjetà li hi responsabbli li tħallas id-danni minnhom sofferti waqfet milli tinnegozja u b'hekk ma jkunx hemm fuq xiex jesegwixxu l-istess kreditu tagħhom, dan hu aġir illegali li jwassal għat-tneħħija tal-*corporate veil*. Kwindi d-diretturi personalment għandhom jiġu ritenuti responsabbli versu l-atturi għall-ħlas tad-danni sofferti bħala konsegwenza tal-inċident in kwestjoni.

"Rigward il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-atturi bħala konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali, din il-qorti ser tibbaża fuq dak li jipprovdi l-kuntratt ..., *cioè* l-ftehim li ġie ffirmat mill-imsemmija ditta estera u l-ewwel soċjetà u fejn ġiet speċifikata s-somma li għandha tingħata bħala kumpens għall-*bodily injury* u dan kellu jkun sa LYD 35,000 għal kull ħaddiem. Fil-każ in eżami però l-vittima *cioè* Bannerman ma sofriex biss *bodily injury* però miet fl-inċident in kwestjoni u kwindi l-kumpens għandu almenu jirdoppja u għalhekk għandu jkun mhux inqas minn sebgħin elf dinar libjani, li fiż-żmien in kwestjoni kienu meqjusa li kienu ekwivalenti għal sebgħin elf liri maltin li illum jissarfu f'mija tlieta u sittin elf u mitt euro (€163,100). F'dan ir-rigward għandhom ukoll jiġu konsidrati ċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, fosthom li l-vittma kellu għoxrin sena meta seħħ l-inċident u tilef ħajtu. Kwindi d-danni sofferti ser jiġu kalkolati *arbitrio boni viri* li jammontaw għal mitejn elf euro (€200,000).

> “Huma l-imsemmija John Camilleri u Joseph Camilleri flimkien li għandhom jiġu dikjarati li huma unikament responsabbli għad-danni in kwestjoni. Fil-każ ta’ John Camilleri li miet fil-mori tal-kawża huma responsabbli, ovvjament mhux personalment, il-kuraturi deputati li ġew nominati biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti tal-istess John Camilleri. B’hekk ukoll il-konvenuti l-oħra għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> “Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi fl-ewwel lok tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tiddikjara lil … l-eredità ġjaċenti tal-konvenut John Camilleri li miet fil-mori tal-kawża u lill-konvenut Joseph Camilleri personalment, flimkien resposabbli għall-inċident li fih tilef ħajtu Leonard Angus Gray Bannerman fil-kors tal-impieg tiegħu fit-13 ta’ Frar 1984 fil-Libja u dan minħabba inadempjenza kuntrattwali u b’hekk tiddikjara lill-istess konvenuti responsabbli għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi. Tillikwida, *arbitrio boni viri* d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta’ mitejn elf euro (€200,000) u dana bl-imgħaxxijiet kollha legali mid-data tal-preżentata ta’ din iċ-ċitazzjoni. Tikkundanna lill-istess konvenuti *in solidum* bejniethom biex iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati. Il-konvenuti l-oħra kollha qed jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.
>
> “L-ispejjeż kolha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti ad eċċezzjoni tal-ispejjeż tal-konvenuti li ġew liberati liema spejjeż jitħallsu mill-atturi.«

“3. Mis-sentenza tad-19 ta’ Lulju 2013 appellaw il-konvenut Joseph Camilleri *proprio* u l-wirt tal-konvenut John Camilleri [“il-konvenuti appellanti”] b’rikors tas-6 ta’ Awissu 2013, li għalih wieġbu l-atturi, b’appell inċidentali, fit-22 ta’ Awissu 2013. Ma saritx tweġiba bil-miktub għall-appell inċidentali.

“4. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li kien hemm obbligazzjoni kuntrattwali fuq is-soċjetà konvenuta *C.B.A. Oilfield Services Limited* (C4371) [“l-ewwel soċjetà konvenuta”] li tagħmel assikurazzjoni fl-interess tal-impjegati. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> “L-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza tagħha tattribwixxi l-ksur kuntrattwali tal-kuntratt tal-impieg tad-defunt Leonard Angus Gray Bannerman mhux għal xi ksur li kien hemm fil-kuntratt tal-impieg innifsu imma għal allegat ksur tat-termini tal-kuntratt li kien hemm bejn is-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* u s-soċjetà estera *Occidental of Libya Inc.* Il-kuntratt bejn is-soċjetà *Occidental of Libya Inc.* u s-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* huwa *res inter alios acta* għall-finijiet tal-obbligi u dmirijiet kuntrattwali naxxenti mill-kuntratt ta’ impieg bejn is-soċjetà *Oilfield Services Limited* u d-defunt Leonard Angus Gray Bannern u għalhekk is-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* ma setgħet qatt tinstab responsabbli fil-konfront tad-defunt Leonard Angus Gray Bannerman minħabba xi ksur kuntrattwali li seta’ kien hemm taħt kuntratt li ma jevidenzja ebda relazzjoni ġuridika u ta’ dritt mal-istess defunt Leonard Angus Gray Bannerman. L-imsemmi argument isib l-

għeruq legali tiegħu fil-prinċipju *res inter alios acta aliis nec nocet nec prodest* fejn ħaġa magħmula bejn partijiet differenti ma tistax tagħmel ħsara jew tibbenefika partijiet oħra. Dan il-prinċipju ta' relatività tar-rapport kuntrattwali jwieġeb għall-esiġenza li tiġi rispettata l-isfera ġuridika ta' dawk il-partijiet li jkunu irregolaw ir-rapport kuntrattwali tagħhom, liema rapport kuntrattwali ma jistax jiġi mibdul b'mod li jivvantaġġja jew jiżvantaġġja l-partijiet li jkunu ħolquh. L-istess prinċipju huwa korrolarju tal-principju u dettam l-ieħor tal-*buona fede* f'tema ta' kuntratti fejn l-atti ta' persuna abbażi ta' rapport guridiku u kuntrattwali partikolari jorbot u jħallu effett fuq il-partijiet li jkunu daħlu f'dak il-kuntratt u għandu għalhekk ikun prova kwantu l-aġir tagħhom taħt u skont dak ir-rapport ġuridiku u kuntrattwali u mhux kwantu rapporti ġuridiċi u kuntrattwali separati.

"Mingħajr preġudizzju għall-imsemmija konsiderazzjoni legali jrid jingħad illi s-soċjetà *C.B.A. Olidfield Services Limited* dejjem ħallset dawk il-kontribuzzjonijiet statutorjament meħtieġa sabiex persuna li tkun qiegħda taħdem ġewwa l-Libja tkun assikurata kontra infortunji jew mewt fuq ix-xogħol. Tant kien hekk il-każ li l-istess atturi appellati kienu qabbdu lill-Avukat Dottor Joseph Borg sabiex iressaq talba lill-awtoritajiet Libiċi u in virtù u in forza tal-liġijiet Libiċi għall-kumpens konsegwneza tal-mewt tal-imsemmi defunt Leonard Angus Gray Bannerman. Kienet tkun kuntrattwalment responsabbli għall-ksur taħt u in virtù tal-kuntratt ta' impieg mad-defunt Leonard Angus Gray Bannerman kieku s-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* naqset li tħallas dawn il-kontribuzzjonijiet assikurattivi statutorjament meħtieġa u rikjesti."

"5. L-obbligazzjoni tal-ewwel soċjetà konvenuta illi tagħmel assikurazzjoni fl-interess tal-ħaddiema toħroġ mill-kuntratt bejnha u s-soċjetà *Occidental of Libya, Inc.* ["*Occidental*"] li fil-parti relevanti jgħid hekk:

"7. Insurance: Unless waived by Company [*Occidental*], Contractor [l-ewwel soċjetà konvenuta] shall keep in force during the performance of this Contract, the following minimum insurance … … …

"A. Comprehensive General Liability Insurance with limits of:

"Bodily injury LD[2] 35,000.000 per person«

"6. Il-konvenuti appellanti jgħidu illi dan kien kuntratt bejn l-ewwel konvenuta u *Occidental* u ma jiġġenerax drittijiet favur terzi. Dan joħroġ mill-art. 1001 tal-Kodiċi Ċivili:

"1001. Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi.«

"7. Fil-każ tallum iżda l-materja hija regolata bl-art. 1000 tal-Kodiċi Ċivili:

---

[2] *Libyan Dinar*.

> "1000. Wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, … … …; u l-persuna li tagħmel dan il-patt ma tistax tħassru jekk dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih.

"8. L-istipulazzjoni li ssir assikurazzjoni għall-ħaddiema li jaħdmu magħha, għalkemm impjegati tal-ewwel soċjetà konvenuta, hija kondizzjoni tal-pattijiet l-oħra li *Occidental* stipulat fl-interess tagħha meta għamlet il-kuntratt mal-ewwel soċjetà konvenuta. Dik l-istipulazzjoni ħolqot minnufih[3] obbligazzjoni favur il-vittma hekk kif sar impjegat tal-ewwel soċjetà konvenuta. Ma jgħidux sew għalhekk il-konvenuti appellanti meta jgħidu illi ma kien hemm ebda obbligazzjoni kuntrattwali favur l-awtur tagħhom li torbot lill-ewwel soċjetà konvenuta. Barra minn hekk, il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet statutorji ma jeħlisx mill-obbligazzjoni kuntrattwali li ssir l-assikurazzjoni, u għalhekk ma jistax jingħad illi l-ewwel soċjetà konvenuta wettqet din l-obbligazzjoni tagħha bil-ħlas tal-kontribuzzjonijiet statutorji.

"9. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

"10. It-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti jolqot il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi l-ewwel soċjetà konvenuta ma mxietx bil-għaqal ta' missier tajjeb ta' familja u għalhekk għandha twieġeb għall-inċident. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> "L-ewwel onorabbli qorti tidher li qiegħda tattribwixxi responsabilità għall-ksur kuntrattwali fuq is-socjeta *C.B.A. Oilfield Services Limited* peress li fl kliemha s-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* ma agixxietx "bid-diliġenza tal-*bonus paterfamilias* u naqset serjament meta ma assiguratx il-ħajja tal-ħaddiema tagħha, liema ħaddiema kienu ser jagħmlu xogħol fid-deżert il-Libya, liema xogħol, min-natura tiegħu, huwa xogħol perikoluż u riskjuż". Tali allegat nuqqas kieku seħħ verament – ħaġa li s-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* dejjem caħdet u nnegat (għad illi hija kienet dejjem ħallset il-kontribuzzjonijiet stattuttorji rikjesti mil-liġi Libika sabiex nies li jaħdmu l-Libja jkunu koperti kontra infortunji u mewt) *se mai* ma seħħx konsegwenza ta' xi ksur ta' xi dispozizzjoni kuntrattwali fil-kuntratt ta' impieg bejn is-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* u d-defunt Leonard Angus Gray Bannerman u għalhekk abbażi tal-principju tar-*res inter alios acta* fuq riferit ma setax jattira r-responsabilità tas-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* favur l-atturi appellati kwantu eredi tad-defunt Leonard Angus Gray Bannerman. Barra minnhekk meta l-qorti għażlet li takkolla responsabilità lis-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* kawża ta' nuqqas ta' diliġenza kellha torbot dan in-nuqqas ma xi obbligu

[3] Id-dikjarazzjoni tat-terza persuna li trid tinqeda bil-patt ma hijiex meħtieġa biex tinħoloq l-obbligazzjoni favur tagħha iżda biss biex id-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx jista' jħassar il-patt. Ara Baudry-Lacantinerie e Barde, *Delle Obbligazioni*, Vol. I, § 154 (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile*, Vol. XII).

kuntrattwali naxxenti mill-kuntratt ta' impieg bejn is-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* u Leonard Angus Gray Bannerman. Id-diliġenza rikjesta f'tema ta' kuntratti, f'mankanza ta' *dolo* jew dik ta' vjolazzjoni intenzjonata, hija dik hekk imsejjha *levis*. Filwaqt li fil-każijiet fejn ir-responsabilità hija doluża jew intenzjonata wieħed huwa dejjem responsabbli għal dak li jikkonsegwixxi. fil-każ tar-responsabilità *levis* wiehed jirrispondi biss jekk ikun hemm ksur b'rabta ma' xi obbligi kuntrattwali naxxenti mill-kuntratt bejn il-partijiet. L-ewwel qorti terġa' takkolla responsabilità lis-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Ltd* meta tistqarr li irriżulta:

> "ukoll li l-ħaddiema tal-ewwel soċjetà ma ġewx informati u ma ngħatatilhomx spjegazzjoni ta' x'kienet tfisser pjattaforma oranġjo u *cioè* li fejn kien hemm pjattaforma tal-imsemmi kulur kien hemm *high voltage cable* midfuna. *Inoltre* nuqqas iehor tal-ewwel soċjetà kien li hi ma bagħtitx *safety officer* fuq ix-xogħol *cioè* fejn kienu qed jaħdmu l-ħaddiema tagħha. F'dan ir-rigward ma tirriżultax suffiċjentement dak li sostniet l-ewwel soċjetà li s-*safety officers* kienu responsabilità tad-ditta estera. Għalhekk jirriżulta li l-ewwel soċjetà għandha tirrispondi għat-talba tal-atturi rigwardanti d-danni kontrattwali."

"Apparti l-fatt li s-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Ltd* dejjem innegat u ċaħdet xi responsabilità fir-rigward tal-identifikazzioni u konstatazzjoni ta' perikolu fis-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol għar raġunjiet li ġew spejagti mix-xhieda prodotti mill-atturi u li qatt ma ġew kontradetti, ir-responsabilità akkolata kwantu l-allegati fuq imsemmija nuqqasijiet ma hijiex waħda konsegwenza ta' xi ksur kuntrattwali versu d-defunt impjegat tas-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited*. Barra minn hekk l-ewwel qorti injorat jew skartat dak li kienet stqarret is-soċjetà *Occidental of Libya Inc.* f'ittra datata Ġunju 1984 … li juri biċ-ċar li s-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol kien esklussivament taħt il-kontroll tagħha u li għalhekk is-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* ma kellha u ma seta' jkollha ebda kontroll jew responsabilità kwantu għall-metodu u prattiċi ta' xogħol. Is-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* kienet tipprovdi l-impjegati sabiex jiġi esegwit xogħol f'sit kontrollat mis-soċjetà *Occidental of Libya Inc*. Fattur li ġie injorat u skartat mill-ewwel onorabbli qorti kien il-fatt illi fis-sit kien hemm installat *overload protector* li huwa speċi ta' *salva vita* li iżda kawża tan-natura tal-vultaġġ għoli li kien ġie ġenerat ma' ttripjatx.

"11. L-ewwel parti ta' dan l-aggravju – imsejsa fuq l-argument ta' *res inter alios acta* – hija biss ripetizzjoni tal-ewwel aggravju, u hija, għall-istess raġunijiet mogħtija fuq, miċħuda.

"12. Dwar it-tieni parti tal-aggravju – responsabilità minħabba nuqqas ta' għaqal – il-qorti tosserva illi l-fatt illi min iħaddem jibgħat lill-ħaddiema tiegħu jaħdmu f'post tax-xogħol ta' ħaddieħor ma jeħilsux mill-obbligazzjoni illi jara li dak l-ambjent ma jkunx ta' perikolu għall-ħaddiema, li jitneħħew perikoli li jistgħu jiġu evitati, u li jittieħdu prekawzjonijiet xierqa kontra dawk il-perikoli li ma jistgħux jiġu evitati[4]. Dan igħodd aktar u aktar meta, kif osservat l-ewwel qorti, dak l-ambjent

[4] Ara *e.g.* Ronnie Grima *et v. Korporazzjoni Enemalta et* (Appell, 25 ta' Ottubru 2013), Maurice Fenech *et v Jacksons Company Limited et* (Appell, 28 ta' April 2017).

huwa minnu nnifsu wieħed perikoluż. Ma hijiex ir-responsabilità li hija *levis*, kif jidher li jaħsbu l-konvenuti appellanti; hija l-*culpa* li biżżejjed tkun *levis*, u ma huwiex meħtieġ li tkun ukoll *lata*, biex iġġib magħha responsabilità

"13. Fil-każ tallum l-ewwel soċjetà konvenuta naqset meta assumiet illi *Occidental* sejra tagħmel dak kollu li hu meħtieġ biex tilqa' għall-perikoli tal-post tax-xogħol, flok ma bagħtet nies tagħha biex tara li jittieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa. La kienet taf, jew kien imissha tkun taf, li l-impjegati tagħha kienu sejrin jintbagħtu jħaffru trinek fejn ikunu għaddejjin *cables* b'kurrent u vultaġġ qawwi, setgħet tipprevedi li dawn il-*cables* jistgħu jintlaqtu waqt it-tħaffir. Kien imissha rat għalhekk illi l-post mnejn igħaddu dawk il-*cables* ikun magħruf sew mill-ħaddiema u li jkun stallat apparat li jaqta l-kurrent hekk kif il-*cable* jintlaqat, u li dak l-apparat ikun spezzjonat regolarment biex jiġi aċċertat li jaħdem sew.

"14. Minn dan kollu l-ewwel soċjetà konvenuta ma għamlet xejn u ħalliet kollox f'idejn *Occidental* meta huwa magħruf illi r-responsabilità tas-sid tal-post tax-xogħol ma jeħlisx lil min iħaddem mir-responsabilitajiet tiegħu, aktar u aktar meta kien hemm ftehim bejn l-ewwel soċjetà konvenuta u *Occidental* li kellha tkun l-ewwel soċjetà konvenuta li tieħu ħsieb l-assikurazzjoni tal-ħaddiema, li jimplika li r-responsabilità ewlenija baqgħet fuqha. Il-fatt illi l-ewwel soċjetà konvenuta tgħid illi hija "dejjem innegat u ċaħdet xi responsabilità fir-rigward tal-identifikazzjoni u konstatazzjoni ta' perikolu fis-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol" ma jeħlishiex minn dik ir-responsabilità. Jekk ma kienx possibbli għaliha li tagħmel l-aċċertamenti meħtieġa ma kienx imissha daħlet għal dik ir-responsabilità billi tibgħat impjegati tagħha jaħdmu f'dak l-ambjent.

"15. Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti li l-ewwel soċjetà konvenuta naqset milli timxi bil-għaqal ta' *bonus paterfamilias*, li hu meħtieġ minn kull min iħaddem, aktar u aktar meta dan jibgħat lil min jaħdem f'post minnu nnifsu perikoluż.

16. It-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

"17. It-tielet aggravju jolqot il-deċiżjoni tal-ewwel qorti li sabet lill-konvenuti appellanti personalment responsabbli. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> "L-ewwel qorti dehrilha għar-raġunijiet imfissra minnha fis-sentenza – u wara li skont l-istess onorabbli qorti "ġie stabbilit illi l-aġir tad-diretturi tal-ewwel soċjetà, meta xoljew l-ewwel soċjetà, xahar biss wara li ġara l-inċident fatali mertu ta' din il-kawża, kien frawdolenti u kien aġir abbużiv, intiż biss sabiex il-kredituri atturi jitqiegħdu fil-posizzjoni li s-soċjetà li hi responsabbli li tħallas id-danni minnhom sofferli waqfet milli

> tinnegozja u b'hekk ma jkunx hemm fuq xiex jesegwixxu l-istess kreditu tagħhom" – li dan kien aġir illegali li jwassal għat-tneħħija tal-*corporate veil*. Kwindi skont l-ewwel onorabbli qorti d-diretturi personalment għandhom jiġu ritenuti responsabbli versu l-atturi għall-ħlas tad-danni sofferti bħala konsegwenza tal-inċident in kwistjoni.
>
> "B'kull rispett dovut lejn l-ewwel onorabbli qorti, fin-nuqqas ta' talba fiċ-ċitazzjoni sabiex l-aġir tad-diretturi tas-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* jiġi dikjarat frawdolenti u li konsegwneza ta' dan tiġi ordnata t-tneħħija tal-*corporate veil*, ma setax ikun hemm dlkjarazzjoni ta' atti frawdolenti da parti tad-diretturi tas-soċjetà *C.B.A. Oilfield Services Limited* u ordni għat-tneħħija tal-*corporate veil*. Ġudikant għandu jipprovdi rimedju li jkun ġie espressament mitlub mill-atturi jew li joħrog *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula. Ma teżisti ebda talba la espressa u/jew impliċita diretta lejn dikjarazzjoni ta' att frawdolenti u tneħħija tal-*corporate veil* bil-konsegwenza li dak dikjarat u deċiż mill-ewwel onorabbli qorti huwa *extra petita* u *ultra petita*. *Oltre* dan jiġi wkoll rilevat li l-atturi appellati kienu konsapevoli li l-ewwel soċjetà kienet ġiet xolta u li kienet ġiet inkorporata soċjetà oħra bl-istess isem u għalhekk kien wisq faċli u kellu jkun wisq naturali għalihom li jagħmlu talba speċifika sabiex tiġi dikjarata l-allegata frodi u tiġi mneħħija l-*corporate veil*. Il-fatt li ma għamlux dak li proċeduralment jispetta lilhom kellu u għandu jġib il-konsegwenzi naturali u ovvji għal tali nuqqas.
>
> "Mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ewwel onorabbli qorti stqarret li l-aġir tad-diretturi tal-ewwel soċjetà meta xoljew l-ewwel soċjetà xahar biss wara li ġara l-inċident kien aġir frawdolenti u abbużiv u dan fuq bażi ta' probabilità. Id-*dolo* dejjem ġie kkunsidrat mill-qrati tagħna bħala rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li jopera permezz ta' qerq (*raggir*) biex jiddevja r-rieda tal-ieħor. Ċerti miżuri ta' natura ekonomika ma humiex neċessarjament illeċiti u frawdolenti sakemm ma jilħqux dik il-malvaġità li hu proprju tad-*dolo*. (*vide* sentenza Qorti tal-Appell - Dun Francesco Zammit *et v.* Av. Dott. Anthony Farrugia - deċiża 3l ta' Marzu 1967). Il-qorti skartat l-ispjegazzjoni mogħtija minn xhud tal-atturi għal din l-operazzjoni, għax skont l-ewwel qorti din kienet inverosimili u mhux għax kontradetta minn xi prova konkreta ta' *dolo* jew azzjoni ta' malvaġità. L-ewwel qorti naqset milli tqis iċ-ċirkostanza tal-istess isem; infatti li kieku l-ħsieb wara x-xoljiment kien wieħed doluż u malvaġ kieku s-soċjetà l-gdida ma kinitx tingħata l-istess isem bħal dik preċedenti. *Di più* l-ewwel qorti naqset milli tqis ukoll li l-oġġett soċjali tas-soċjetà l-ġdida kien inbidel u dan għar-raġunijiet ta' taxxa kif ġie indikat fix-xiehda tax-xhud prodott mill-konvenuti.«

"18. L-atturi, wara li iċċitaw sentenzi dwar kif il-qorti tista' ma tħallix lid-diretturi ta' soċjetà jinħbew wara l-personalità tagħha, komplew wieġbu hekk:

> "Dan l-insenjament huwa importanti għal varji aspetti tal-kawża preżenti, sija għaliex l-appellanti jallegaw li, fin-nuqqas ta' talba appożita fiċ-ċitazzjoni, ma tistax issir it-tneħħija tal-*corporate veil* – ħaġa li assolutament mhix hekk – sija għaliex l-ewwel onorabbli qorti ddikjarat responsabbli lil żewġ diretturi msemmija b'isimhom waqt li assolviet liż-żewġ kumpanniji li minnhom oriġina l-aġir frawdolenti, it-

tnejn li huma bl-isem *C.B.A. Oilfield Services Limited* – ħaġa li ma setgħetx u ma kellhiex issir.

"Fiċ-ċitazzjoni, kemm mill-premessi kif ukoll fid-domandi ssir riferenza għall-aġir frawdolenti taż-żewġ soċjetajiet bl-istess isem u tad-diretturi tagħhom. Intalbet addirittura l-kundanna tagħhom *in solidum* tant saret enfasi fuq l-aġir frawdolenti maħsub biex huma jevadu l-ħlas lill-werrieta ta' Leonard Angus Gray Bannerman għall-mewta tiegħu. Il-qrati tagħna, fil-każijiet kongruwi, igħaddu direttament biex jordnaw it-tneħħija tal-*corporate veil* sew jekk tali tneħħija tkun intalbet u sew jekk ma jkunx hemm talba appożita, kemm-il darba jkun jidhrilhom illi l-aġir frawdolenti tad-diretturi seta' jwassal biex il-kreditu jiġi eluż.

"Għalhekk, m'hemm xejn *extra petita* jew *ultra petita* fis-sentenza appellata f'dan ir-rigward. Jigi notat illi l-appellanti ma appellawx kontra l-akkoljiment tat-talba biex il-kundanna għall-ħlas tad-danni tkun *in solidum*. Id-deċiżjoni ssegwi mill-premessa li tgħid illi wara li seħħ l-inċident li fih Leonard Angus Gray Bannerman tilef ħajtu, id-diretturi rreġistraw soċjetà kummerċjali oħra bl-istess isem biex il-kreditu tal-werrieta jigi eluż. Huma jgħidu, u dan jirrepetuh fir-rikors tal-appell, illi dan sar għal "raġunijiet ta' taxxa". Anzi xhud prodott mill-konvenuti jgħid li dan kien il-parir mogħti lilhom mill-Avukat Dottor Louis Bianchi – li però qatt ma ssejjaħ minnhom bħala xhud fil-kawża. Iżda d-diretturi ma jistgħux jittieħdu bis-serjetà meta jsostnu illi l-abbandun tal-ewwel soċjetà u l-formazzjoni u reġistrazzjoni tat-tieni soċjetà f'qasir żmien wara l-inċident kienu azzjonijiet innoċenti, ossija "miżuri ta' natura ekonomika". Min ser jemmen dan? Għall-kuntrarju, il-mossa turi skaltrezza u għandha titqies bhala 'raġġir'. L-appellanti qegħdin jagħmlu ħafna enfasi fuq l-isem tal-kumpannija, u jgħidu li dan baqa' l-istess, u dan meta jafu li n-numru ta' riferenza (*registration number*) fir-Reġistru tal-Kumpanniji hu dak li jiddistingwi kumpannija minn oħra; u, kif jaf kulhadd, kull kumpannija għandha personalità ġuridika separata u distinta. Kif setgħu l-werrieta jippruvaw jesegwixxu kreditu kontra kumpannija li hija rreġistrata b'numru differenti minn dik li kienet timpjega lil Leonard Angus Gray Bannerman fil-mument tal-inċident, minkejja li bl-istess isem? *C.B.A. Oilfield Services Limited* (bin-numru ta' reġistrazzjoni C4371) u *C.B.A. Oilfield Services Limited* (bin-numru ta' reġistrazzjoni C7284) m'humiex l-istess kumpannija, iżda huma żewġ entitajiet u persuni ġuridiċi differenti. L-appellanti jaħsbu li ħwejjeġ bħal dawn jistgħu jgħaddu mingħajr ma jiġu notati. Għalhekk, għamlet sewwa l-ewwel onorabbli qorti li ma tathom l-ebda kredibilità u rriteniet li l-mossa kienet wahda frawdolenti.«

"19. Fil-kawża tallum l-atturi talbu illi l-qorti tiddikjara lill-konvenuti kollha – kemm il-konvenuti appellanti u kemm is-soċjetajiet konvenuti – responsabbli "għall-inċident li fih tilef ħajtu Leonard Angus Gray Bannerman", u mhux għal dak li seħħ wara l-inċident. Jekk il-konvenuti appellanti jinżammu responsabbli għall-ħlas tad-danni dan ikun mhux għax jaħtu għall-inċident iżda għax b'qerq fittxew li jaħbu l-assi li fuqhom l-atturi setgħu jesegwixxu l-kreditu tagħhom, kawżali differenti li ma ntalbitx dikjarazzjoni ta' ħtija minħabba fiha.

"20. Barra minn hekk – ukoll jekk jingħad illi l-azzjoni hija msejsa wkoll fuq dik il-kawżali, għax, għalkemm ma hemmx talba speċifika għal dikjarazzjoni ta' responsabilità minħabba f'hekk, madankollu jingħad fil-premessi illi l-konvenuti appellanti irreġistraw it-tieni soċjetà "*in malafede* u bil-ħsieb li d-drittijiet tal-atturi … jiġu elużi" – jekk il-konvenuti appellanti jitqiesu responsabbli minħabba qerq, il-ħtija tagħhom tkun waħda akwiljana u mhux għal inadempiment kuntrattwali. Għalkemm din il-qorti taqbel mal-atturi u mal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti illi l-manuvra bis-soċjetajiet saret bi ħsieb ta' qerq, madankollu l-azzjoni tal-atturi, sa fejn imsejsa fuq ħtija akwiljana, ġiet dikjarata preskritta bis-sentenza ta' din il-qorti tat-8 ta' Ġunju 1998, li hija *res iudicata*.

"21. F'kull każ għalhekk l-azzjoni kontra l-konvenuti appellanti ma tistax tintlaqa'. Dan l-aggravju għandu jintlaqa' u t-talbiet tal-atturi, sa fejn magħmula kontra l-konvenuti appellanti personalment, għandhom jiġu miċħuda.

"22. L-aggravji li jmiss jolqtu l-likwidazzjoni tad-danni u l-imgħax. Dawn l-aggravji jsiru relevanti biss jekk jintlaqa' l-appell inċidentali tal-atturi u għalhekk qabel ma nqisu dawn l-aggravji jixraq illi nqisu l-appell inċidentali.

"23. L-appell inċidentali jolqot il-ħelsien taż-żewġ soċjetajiet konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju u ġie mfisser hekk:

> "Bir-rispett kollu, l-ewwel onorabbli qorti ma setgħetx tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lill-konvenuti l-oħra, u *cioè* liż-żewġ soċjetajiet *C.B.A. Oilfield Services Limited* (C4371) u *C.B.A. Oilfield Services Limited* (C7284) u/jew lid-diretturi tagħhom. Fl-ewwel lok, Leonard Angus Gray Bannerman kien impjegat mal-ewwel minn dawn iż-żewġ soċjetajiet u allura fil-kuntest ta' kawża għal danni kuntrattwali ma jagħmilx sens illi l-*employer* jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Fit-tieni lok, li kien hemm *lifting of the corporate veil* u d-diretturi ġew personalment responsabbli ma jfissirx illi l-kumpanniji implikati fll-każ u d-diretturi rispettivi tagħhom għandhom jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju. Għall-kuntrarju, dawn għandhom – *del resto* kif intalab fiċ-ċitazzjoni – jiġu kkundannati flimkien u *in solidum* bejniethom għall ħlas tad-danni.
>
> "Mhux biss ma jagħmilx sens illi l-kumpanniji implikati fil-każ u d-diretturi rispettivi tagħhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju (u l-atturi jkollhom iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji fir-rigward ta' kull wieħed), iżda l-liġi dan ma tippermettihx. … … …
>
> "… … …
>
> "Għal dawn ir-raġunijiet, iż-żewġ soċjetajiet *C.B.A. Oilfield Services Limited* (C4371) u *C.B.A. Oilfield Services Limited* (C7284) ma setgħux

jiġu meħlusin mill-osservanza tal-ġudizzju; id-diretturi kollha rispettivi tagħhom ma setgħux jiġu meħlusin mill-osservanza tal-ġudizzju minħabba t-tneħħija tal-*corporate veil*; u dawn il-persuni u kumpanniji flimkien u *in solidum* bejniethom kif mitlub fiċ-ċitazzjoni kellhom jiġu kkundannati flimkien mal-konvenut Joseph Camilleri personalment u ma' … l-eredità ġjacenti tal-konvenut John Camilleri li miet fil-mori tal-kawża.

"L-aggravju tal-esponenti jkopri wkoll il-kwistjoni tal-ispejjeż. L-*employer* tad-*de cuius* – il-kumpannija *C.B.A. Oilfield Services Limited* (l-appellanti, *ex admissis*, igħidu li taħt isem wieħed jiftehmu ż-żewġ kumpanniji) – ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju u l-atturi ġew ikkundannati biex iħallsu l-ispejjeż tal-konvenuti li ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. B'hekk l-atturi, eredi tal-impjegat li kellu mewta fatali, ġew ikkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-*employer* li ġie dikjarat responsabbli għall-ħlas tad-danni kontrattwali u li ġie dikjarat responsabbli ta' aġir frawdolenti! Bir-rispett kollu, dan ma tantx jagħmel sens u l-atturi ma jħossux li qatt setgħu jispiċċaw telliefa u sokkombenti f'dan ir-rigward.«

"24. Ġà rajna, mill-konsiderazzjonijiet dwar it-tielet aggravju tal-appell ewlieni, illi t-talbiet ma jistgħux jintlaqgħu kontra d-diretturi – il-konvenuti appellanti – personalment. Sa fejn irid li l-konvenuti kollha – soċjetajiet u diretturi – jiġu kundannati *in solidum*, dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

"25. Dwar l-ewwel soċjetà konvenuta C4371 l-atturi ovvjament għandhom raġun. Rajna, fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel żewġ aggravji tal-appell ewlieni, illi din is-soċjetà naqset fl-obbligazzjonijiet tagħha lejn l-impjegat tagħha kemm meta ma ħadtx ħsieb tkoprih b'assikurazzjoni kontra d-disgrazzji u kif ukoll għax ma mxietx bil-għaqal u ma ħarsitx id-dmirijiet tagħha dwar is-sikurezza tal-post tax-xogħol. L-ewwel qorti wkoll, bħal din il-qorti, sabet illi l-ewwel soċjetà konvenuta naqset milli tħares l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tagħha u għalhekk *non sequitur* id-deċiżjoni tagħha li teħlisha mill-ħarsien tal-ġudizzju. Din il-parti ta-aggravju għalhekk għandha tintlaqa'.

"26. Dwar it-tieni soċjetà konvenuta (C7284), huwa minnu illi ż-żewġ soċjetajiet konvenuti għandhom personalità għalihom. Madankollu, meta tqis illi t-tieni soċjetà twaqqfet biss bil-ħsieb illeċitu sabiex jitqarrqu l-atturi u għall-bqija kellha tkompli l-istess negozju tal-ewwel soċjetà, u tqis ukoll dak li xehed John Camilleri illi "ma kien hemm l-ebda differenza bejn l-ewwel kumpannija u t-tieni kumpannija, fis-sens illi kien hemm l-istess azzjonisti u l-istess diretturi", it-tieni soċjetà għandha titqies bħala s-suċċessur tal-ewwel waħda li wirtet mhux biss il-*bonus* – l-avvjament tan-negozju tal-ewwel soċjetà – iżda wkoll il-*malus* – l-obbligazzjonijiet u r-responsabilitjiet tagħha. It-tieni soċjetà għalhekk għandha titqies responsabbli mhux *ex delicto*, għalkemm twaqqfet bi ħsieb ta' qerq, iżda bħala s-suċċessur *de facto* tal-ewwel soċjetà u għalhekk marbuta bl-istess obbligazzjonijiet tagħha. Il-finzjonijiet legali ma għandhomx jitħallew ixekklu li ssir ġustizzja, aktar

u aktar meta min jinqeda bihom jagħmel hekk bi skop manifestament diżonest.

“27. Din il-parti tal-aggravju wkoll għalhekk għandha tintlaqa’ u ż-żewġ soċjetajiet konvenuti għandhom iwieġbu flimkien *in solidum* għad-danni.

“28. Immorru lura issa għall-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti, li jolqot il-likwidazzjoni tad-danni u l-imgħax, li jibqa’ relevanti ladarba s-soċjetajiet konvenuti nstabu responsabbli għad-danni. L-aggravju ġie mfisser hekk:

> “… … … f’dik li hija likwidazzjoni tad-danni bħala konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali, l-ewwel onorabbli qorti stqarret li hija kienet qed tibbaża fuq dak li jipprovdi l-kuntratt … li ġie ffirmat mill-imsemmija ditta estera u l-ewwel soċjetà u fejn ġiet speċifikata s-somma li għandha tingħata bħala kumpens għal *bodily injury* u dan kellu jkun sa LYD 35,000 għal kull ħaddiem’ L-ewwel qorti stqarret li fil-każ in eżami l-vittima *cioè* Bannerman ma sofriex biss *bodily injury* però miet fl-inċident in kwistjoni u kwindi l-kumpens għandu almenu jirdoppja u għalhekk għandu jkun mhux inqas minn sebgħin elf dinar libjani, li fiż-żmien in kwistjoni kienu meqjusa li kienu ekwivalenti għal sebgħin elf lira maltin li llum jissarrfu f’mija tlieta u sittin elf u mitt euro (€163,100). *Inoltre* l-ewwel qorti kkunsidrat iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ, fosthom li l-vittma kellu għoxrin sena meta seħħ l-inċident u tilef ħajtu u għalhekk ikkalkolat id-danni sofferti *arbitrio boni viri* fl-ammont ta’ mitejn elf euro (€200,000).
>
> “… … … jiġi sottomess li d-danni kuntrattwali konsegwenti għall-preġudizzju arrekat minn ksur tal-obbligi kuntrattwali huma kalkolati u għandhom jikkonsistu fil-gwadann li l-parti mhux inadempjenti kellha tirċievi medjanti r-rejalizzazzjoni tal-obbligi kuntrattwali. Ċertament li l-mod kif illikwidat id-danni kuntrattwali l-ewwel qorti ma huwiex konsonu mal-mod kif għandhom jiġu kalkolati d-danni kuntrattwali.
>
> “L-ewwel qorti ordnat li l-imgħaxijiet legali jiġu kkalkolati mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni. Fil-mument tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u mill-mod kif dina ġiet ifformulata ma jistax jingħad li sa dak il-mument kien hemm imgħaxijiet dekorribbli għar-raguni li kollox kien għadu kontestat u illikwidat. Issa l-ġurisprudenza tagħna segwiet il-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*. Hekk per ezempju fi Spiridione L. Mizzi *pro et noe v.* Emmanuele Falzon, Qorti tal-Kummerċ, 16 ta’ Frar 1954 (Vol. XXXVIII.iii.642), intqal:-
>
>> “*Inoltre*, hu ritenut fil-ġurisprudenza illi, meta d-debitu jkun ċert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista’ faċilment jiddetermina l-ammont … il-massima *in illiquidis mora non contrahitur* mhix applikabbli.
>>
>>> “‘La massima *in liquidandis non fit mora* intanto è da accogliersi in quanto la illiquidità del debito venga per se stessa a costituire quella causa estranea al debitore e a lui non imputabile.’

"'Quando il debito è certo, ed il debitore può faċilmente determinare l'ammontare, si rende inapplicabile *il principio in liquidandis non fit mora*' (App. Venezia, 24 Aprile 1908, Comune di Verona c. Società *Gas di Verona*, Temi 938; Cassaz. Napoli 11 Gennaio 1908, Di Mario c. Societè pel Risanamento di Napoli, Ċorte di App. 48, Dir. E. Giur. XXII, 692).'

"Fl-Appell Kummerċjali Anthony Mercieca *v.* In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani *et*,16 ta' Diċembru 1991 (Vol. LXXV.ii.643), ġie osservat:

"Kreditur li sofra danni jista' jitlob lill-qorti jew ammont determinat, minnu stabbilit, jew ammont indeterminat li jrid jiġi mill-qorti determinat jew kif abitwalment jingħad fl-proża ġuridika, likwidat. Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti għal ammont determinat jew ammont indeterminat, u dawn huma dejjem riferibbli għall-pretensjoni avvanzata fit-talba tal-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tiegħu u huwa jagħżel jekk jitlobx l-ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li għandu jigi determinat mill-qorti. Is-sinjifikat ta' din is-sentenza ma jinbidilx jekk kemm-il darba jintqal illi l-attur jagħżel jekk jitlobx ammont preċiż minnu likwidat jew jitlobx ammont li għandu jigi mill-qorti likwidat; Tillikwida tiddeskrivi l-azzjoni li biha tiċċara sitwazzjoni li ċara ma tkunx, u per analoġija għalhekk tintuża biex sitwazzjoni monetarja konfuża jew mhix ċara tiġi stabbilita u ċċarata. Per estensjoni, infatti, tillikwida vertenza tfisser tikkonkludiha u b'hekk tiċċaraha definittivament … … …"

"F'din il-kawża l-pretiża tal-atturi kienet għal ammont indeterminat u illikwidu. Għalhekk l-imgħax legali jiddekorri mid-data meta l-ammont pretiż ġie likwidat u determinat u ċjoè mid-data tas-sentenza.

"Hekk ukoll fl-Appell Ċivili Emanuel Cardona *et v.* Dr Graham Busuttil *et*, 10 ta' Jannar 1995 (Vol. LXXIX.ii.239) fejn l-atturi appellanti ppretendew li l-imgħaxijiet fuq ammont likwidat għal serviġi kellhom ikunu komputati mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza, ġie ritenut li dik "il-pretensjoni li ma tistax tintlaqa' minħabba li l-prinċipju legali li jgħodd għall-każ hu li *in illiquidis non fit mora*". U saħansitra l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Vincent Vella *et noe v,* Kummissarju tal-Pulizija *et* deċiża fl-20 ta' Jannar 1993 iddeċidiet li l-imgħax fuq somma likwidata bħala kumpens kellu jiddekorri mid-data tas-sentenza (Vol. LXXVII.i.27).«

"29. L-atturi wieġbu hekk:

"Likwidazzjoni tad-danni

"… … … l-appellanti qegħdin jippruvaw jiżolqu mir-rabtiet kontrattwali tagħhom. L-importanti għalihom huwa l-introjtu qawwi mingħand *Occidental of Libya, Inc.* u ma jgħidux li *Occidental of Libya, Inc.* ħallsithom biex iżommu għall-ħaddiema tagħhom dawk il-livelli għolja fil-kondizzjonijiet. Il-kwadru huwa ċar hafna: *C.B.A. Oilfield Services Limited* tithallas mingħand *Occidental of Libya, Inc*. biex tipprovdi lill-ħaddiema livelli għolja ta' kondizzjonijiet lavorattivi, imbagħad la tagħmel *Insurance Policy* privata, la taċċetta li tħallas skont klawsoli speċifiċi ffirmati li jkunu jikkontemplaw inċidenti industrijali serji. Basta tkun inkassat il-flus u żammet kollox għaliha. Kunsidrat dan kollu, ma

jistgħux l-appellanti jgħidu li l-mod kif ġie likwidat l-ammont ta' danni kontrattwali mhux konsonu ma' kif jiġu likwidati d-danni.

"L-imgħaxijiet

"L-aggravju tal-appellanti jirrigwarda d-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet. Huma jikkritikaw lill-ewwel onorabbli qorti talli ordnat li d-danni għandhom jitħallsu mid-data taċ-ċitazzjoni. L-appellanti jsostnu illi l-imgħax legali jiddekorri mid-data meta l-ammont pretiż ġie likwidat u determinat, u mhux mid-data taċ-ċitazzjoni. Jagħmlu enfasi fuq il-prinċipju *in illiquidis non fit mora*. L-esponenti jistgħu jissoponu r-raġuni x'kienet għala l-ewwel onorabbli qorti kkundannathom għall-ħlas tal-imgħaxijiet mid-data taċ-ċitazzjoni. Dina l-kawża ġiet istitwita fis-sena 1992 u ġiet deċiża fis-sena 2013. Terġa', Leonard Angus Gray Bannerman miet fit-13 ta' Frar 1984, jiġifieri 29 sena ilu. Qabel din il-kawża, kien hemm kawża oħra dwar l-istess mewta u damet bosta snin wieqfa, tant illi l-esponenti kellhom iċeduha u jibdew ohra. Meta kawża tkun damet 21 sena biex tiġi deċiża fil-prim istanza, speċjalment meta jgħaddu numru ta' snin mid-data ta' meta tkun ġiet differita għas-sentenza sa meta tingħata s-sentenza, l-istat ikun irid jirrispondi għad-dewmien minħabba ksur tar-'*reasonable time requirement'* skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). L-ewwel onorabbli qorti riedet għalhekk illi l-konvenuti jerfgħu l-piż għal dan it-trapass taż-żmien billi wara kollox kienet l-imġiba malvaġja tagħhom li wasslet għal tant snin ta' litigazzjoni u mhux l-istat ikollu jagħmel tajjeb għal proċeduri ġudizzjarji li damu 21 sena fil-prim istanza biss. Jekk l-imgħaxijiet ikunu pagabbli mid-data tas-sentenza, allura l-istat ikollu jagħmel tajjeb għad-dewmien ġudizzjarju. Jekk l-imgħaxijiet ikunu pagabbli mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni, allura l-konvenuti ġustament ikollhom jerfgħu l-piż għal dan it-trapass taż-żmien biex tiġi deċiża l-kawża rninħabba l-intransiġenza u għemil frawdolenti tagħhom.

"B'danakollu, hemm raġuni oħra għala l-imgħaxijiet legali għandhom jitħallsu mid-data tal-preżenlata taċ-ċitazzjoni. Hu ritenut fil-ġurisprudenza illi, meta d-debitu jkun ċert, jekk id-debitur ikun jaf jew jista' faċilment jiddetermina l-ammont, il-massima *in illiquidis mora non contrahitur* mhux applikabbli. Fejn imbagħad l-ammont effettivament likwidat ikun jirriżulta li hu sostanzjalment l-istess bħal dak pretiż mill-kreditur, il-qorti setgħet tqis li kienu jokkorru ċirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jiġix avvantaġġjat sempliċement mir-riluttanza tiegħu li jħallas bl-iskuża li l-ammont rna kienx determinat ġudizz-arjament, billi jiffranka l-ħas tal-imgħax sakemm l-ammont jiġi definitt-ivament likwidat. Skont l-ewwel onorabbli qorti -

> "*Una volta* li ġie stabbilit illi l-aġir tad-diretturi tal-ewwel soċjetà, meta xoljew l-ewwel soċjetà xahar biss wara li ġara l-inċident fatali mertu ta' din il-kawża, kien frawdolenti u kien aġir abbużiv, intiż biss sabiex il-kredituri atturi jitqiegħdu fil-posizzjoni li s-soċjetà li hi responsabbli li tħallas id-danni minnhom sofferli waqfet milli tin-negozja u b'hekk ma jkunx hemm fuq xiex jesegwixxu l-istess kreditu tagħhom, dan hu aġir illegali li jwassal għat-tneħħija tal-*corporate veil*."

"Peress illi huwa prinċipju ġuridiku ben stabbilit illi ħadd m'għandu jitħalla jivvantaġġja ruħu mill-inikwità tiegħu stess, evidentement, l-

ewwel onorabbli qorti dehrilha li għandha tapplika dan l-aħħar prinċipju minħabba l-iskaltrezza tal-konvenuti, it-tentativi li għamlu biex jevadu l-kreditu u l-intransiġenza tagħhom li jħallsu lill-werrieta ta' Leonard Angus Gray Bannerman wara li seħħ l-inċident fis-sena 1984.

"Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolarment koroh tal-każ preżenti, il-kundanna għall-ħlas tal-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni għandha tiġi kkonfermata.«

"30. Il-qorti taqbel illi l-ammont stipulat għall-għanijiet ta' assikurazzjoni ma għandux ikun il-kejl tad-danni, b'dan iżda illi, ladarba s-soċjetajiet konvenuti naqsu mill-obligazzjoni kuntrattwali li jagħmlu assikurazzjoni, huma responsabbli wkoll għad-danni li jirriżultaw minn dak in-nuqqas u għaldaqstant id-danni li għandhom jagħmlu tajjeb għalihom ma għandhomx ikunu anqas minn dawk li kienu jitħallsu mill-assikuratur li kieku l-polza saret kif kellha ssir. Id-danni għalhekk għandhom ikunu l-ogħla bejn dawk likwidati taħt il-metodu solitu tal-*multiplier* u dawk li kienu jitħallsu taħt il-polza li kieku saret, b'dan ukoll iżda illi ma għandhomx ikunu ogħla minn kemm illikwidat l-ewwel qorti billi ma hemm ebda aggravju li jitlob żjieda fid-danni likwidati.

"31. Ngħaddu mela għal-likwidazzjoni bil-metudu solitu.

"32. Il-vittma kellu biss għoxrin sena meta miet u għalhekk *multiplier* ta' ħamsa u tletin (35) sena jkun xieraq taħt iċ-ċirkostanzi. Fl-1983 kellu paga ta' mitejn u għoxrin lira ta' Malta (Lm220) fix-xahar jew elfejn, sitt mija u erbgħin lira (Lm2,640) – bejn wieħed u ieħor daqs sitt elef, mija u ħamsin euro (€6,150) – fis-sena. Bi proporzjon mal-indiċi ta' inflazzjoni, dawn illum – qrib it-tmiem taż-żmien tal-*multiplier* li jgħaddi fl-2019 – jiġu bejn wieħed u ieħor tnax-il elf u ħamsin euro (€12,050)[5] fis-sena. Billi tul is-snin jingħataw mhux biss żjidiet għall-għoli tal-ħajja iżda wkoll żjidiet oħra, ċifra aktar realistika u xierqa tkun ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) fis-sena. Billi din kienet tkun il-paga lejn tmiem il-*multiplier* u mhux tul il-perijodu kollu, huwa xieraq li l-kalkolu jsir fuq il-medja, li tiġi għaxart elef, ħames mija u ħamsa u sebgħin euro (€10,575) fis-sena. *Lucrum cessans* jiġi għalhekk tliet mija u sebgħin elf, mija u ħamsa u għoxrin euro (€370,125)[6].

"33. Wara li jsir it-tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) li solitu jsir għal dak li kien jikkonsma l-vittma li kieku baqa' ħaj, jifdal bilanċ ta' mitejn u sitta u disgħin elf u mitt euro (€296,100). Ukoll, billi l-atturi ma humiex dipendenti diretti tal-vittma, isir tnaqqis ieħor li għandu jġib il-bilanċ qrib tal-mitejn elf euro (€200,000) likwidat mill-ewwel qorti. Billi l-ħlas sejjer isir wara li għadda ż-żmien kollu tal-*multiplier*, ma għandu jsir ebda tnaqqis biex ipatti għall-ħlas antiċipat ta' qligħ tal-ġejjieni (*lump sum payment*).

---

[5] €6,150 × 838.29 (indiċi tal-2016) ÷ 428.06 (indiċi tal-1983) = €12,042.94; l-indiċi tal-2016 huwa l-aktar wieħed reċenti.

[6] €10,575 × 35 = €370,125.

"34. Il-qorti għalhekk bħall-ewwel qorti għalkemm għal raġunijiet differenti tillikwida d-danni fis-somma ta' mitejn elf euro (€200,000).

"35. Dan iwassalna għall-kwistjoni tal-imgħax.

"36. Tradizzjonalment, u kif sewwa jgħidu l-konvenuti appellanti fir-rikors tal-appell, il-qrati jimxu fuq ir-regola illi *in illiquidis non fir mora*, għal-kemm dan il-prinċipju xxellef f'sentenzi aktar reċenti ta' din il-qorti li jagħtu mgħax minn dakinhar tas-sentenza tal-ewwel qorti ukoll jekk l-ammont likwidat minn dik il-qorti jiġi mibdul fl-appell[7] u għalhekk, strettament, il-likwidazzjoni tkun saret bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u mhux bis-sentenza appellata.

"37. Barra minn hekk l-qrati għarfu jtaffu xi ftit l-iżvantaġġ u l-inġustizzja illi r-regola *in illiquidis* toħloq għall-attur billi ma jagħtux awtomatikament it-tnaqqis għall-ħlas antiċipat ta' qligħ tal-ġejjieni iżda jorbtu dak it-tnaqqis maż-żmien li tkun ħadet il-kawża biex tinqata u mat-tul tal-*multiplier*. F'każ bħal dak tallum, fejn ma huwa sejjer jingħata ebda tnaqqis minħabba ħlas antiċipat, jekk l-atturi jingħataw l-imgħax minn dakinhar tal-intimazzjoni ġudizzjarja ikunu qegħdin effettivament jingħataw il-benefiċċu tal-ħlas antiċipat għax is-somma kapitali tkun bdiet tiġbor l-imgħax mill-bidunett. Li l-imgħax jingħata mid-data tas-sentenza appellata jkun normalment kompromess xieraq, iżda jkun anqas xieraq f'ċirkostanzi bħal dawk tallum fejn il-ħlas sejjer isir erbgħa u tletin sena wara l-inċident u wara li kważi għadda ż-żmien kollu tal-*multiplier*. Fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ, bħala kom-promess il-qorti sejra tordna illi l-imgħax jibda jgħaddi, flok b'seħħ mid-data tas-sentenza appellata (li ngħatat disgħa u għoxrin sena wara l-inċident), b'seħħ minn ħames snin qabel is-sentenza appellata".

L-atturi qeghdin jitolbu ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sens li jsostnu li l-Qorti applikat il-ligi hazina. Dana peress li jsostnu li l-ligi li kellha tigi applikata hija d-dispozizzjoni tal-Kodici Civili li titratta l-qerq, ossija l-principju tal-*mala fide* jew "*fraus omnia corrumpit*", kif ukoll id-dottrina tal-"*lifting of the corporate veil",* liema ligi, principju u dottrina jiffurmaw parti mis-sistema legali ta' pajjizna, li izda ma gewx applikati fis-sentenza attakkata. Ghalkemm l-atturi ritrattandi jikkoncedu li l-fatti huma tassew kif stabbiliti fis-sentenza

[7] Ara *e.g*. Peter Farrugia *v.* Direttur tal-Protezzjoni Ċivili *et* (Appell, 18 ta' Lulju 2017).

tal-Qorti tal-Appell, id-decizjoni mhix wahda skont il-ligi u ghalhekk qeghda tigi impunjata mhux minhabba interpretazzjoni ta' ligi, izda minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi.

Ir-ritrattandi jishqu li l-azzjoni attrici ta' danni kienet wahda msejsa fuq kemm htija akwiljana, kif ukoll fuq inadempiment kuntrattwali, u sa fejn l-azzjoni attrici kienet imsejsa fuq htija akwiljana, giet dikjarata preskritta, bis-sentenza ta' din il-Qorti, tat-8 ta' Gunju, 1998, li hija *res judicata*, id-danni akkordati u likwidati mill-Qorti tal-Appell kienu min-nuqqas ta' adempiment ta' obbligi kuntrattwali. Madankollu, filwaqt li l-Qorti tal-Appell permezz ta' *fictio juris* ikkomunikat ir-responsabbilità mill-ewwel kumpannija ghat-tieni kumpannija u kkundannathom flimkien *in solidum*, izda helset lid-diretturi mir-responsabbilità personali. Dan meta l-principju *fraus omnia corrumpit* kellu japplika ghall-kaz in ezami peress li l-konvenuti agixxew *in malafede* u qerq proprju sabiex jevadu d-drittijiet tal-atturi, kemm fir-rigward ta' danni akwiljani, kif ukoll fir-rigward ta' danni kuntrattwali. Kwindi jishqu li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi meta r-responsabbilità personali tad-diretturi giet imhassra.

Filwaqt li jiccitaw gurisprudenza fejn jinghad li min jagixxi bi frode ma jistax jinheba wara l-*corporate veil* tas-socjetà tieghu, jishqu li l-izball fl-applikazzjoni tal-ligi kif provdut fl-Artikolu 811(e) jaghti lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, stante li l-ligi giet imhaddma b'mod zbaljat peress

li thallew barra: (a) id-dispozizzjoni tal-ligi dwar il-qerq; (b) il-principju tal-*mala fides* jew "*fraus omnia corrumpit*"; (c) kif ukoll id-dottrina tal-"*lifting of the corporate veil"* li giet applikata f'bosta kazijiet. Dan meta l-istess Qorti accettat u applikat il-principju tal-*lifting of the corporate veil* sa fejn kien jitratta z-zewg kumpanniji, li ghalkemm ghandhom personalità guridika distinta, ladarba t-tieni socjetà twaqqfet bil-hsieb li jitqarrqu l-atturi, l-istess Qorti rriteniet li l-finzjonijiet legali m'ghandhomx jithallew ixekklu li ssir gustizzja, aktar u aktar meta min jinqeda bihom ghamel hekk bl-iskop manifestament dizonest.

Madankollu l-atturi ritrattandi jishqu li xorta mhux qeghda ssir gustizzja maghhom peress li filwaqt li l-ewwel socjetà konvenuta giet xjolta in *malafede,* u l-assi taghha gew *siphoned off*, it-tieni socjetà m'ghandhiex assi u giet abbandunata, tant li kellu jinhatar kuratur sabiex jirraprezentaha. Jilmentaw li l-Qorti ma kinitx konsistenti meta applikat id-dottrina tal-*lifting of the corporate veil* ghat-tieni socjetà konvenuta, izda dan il-principju ma giex estiz ghall-konvenuti Camilleri b'mod personali. Dan meta jinghad mir-ritrattandi li, huma dawn il-konvenuti li ghandhom l-assi mehtiega sabiex l-atturi jithallsu d-danni, li madankollu gew mehlusa mir-responsabbilità personali, u b'hekk il-qerq taghhom hareg rebbieh. Sabiex issir gustizzja maghhom jishqu li, kellu jitwarrab il-*corporate veil* anke f'dan il-kaz, fejn gew akkordati danni ghal inadempiment kuntrattwali. Jinsistu li l-istralcjarju tal-ewwel socjetà

kummercjali, John Camilleri, kellu obbligu li jara li d-debituri jithallsu dak li kien dovut lilhom u mhux irekken jew jitrasferixxi l-assi pekunarji, f'bank barra minn Malta.

Ir-ritrattandi jikkontendu li a bazi tal-principju *fraus omnia corrumpit,* l-ghemil doluz twettaq mhux fil-mewta tragika, izda fl-istadju meta sar dovut l-indenniz lill-qraba tal-mejjet, fejn il-konvenuti lanqas hargu polza ta' assikurazzjoni skont il-kuntratt li kellhom mad-decujus. Fil-fehma taghhom, meta qorti jkollha quddiemha kaz ta' frodi, il-principju *fraus omnia corrumpit* ghandu japplika ugwalment kemm fil-kaz ta' danni akwiljani, kif ukoll fil-kaz ta' danni ghal inadempiment kuntrattwali. Wara kollox, jinghad minnhom li, kienet l-istess Qorti li qalet li l-*malafede* u l-intenzjoni li d-drittijiet tal-atturi jigu eluzi fil-fatt tnizzlu fost il-kawzali tac-citazzjoni. Kwindi anke jekk id-danni *ex delicto* gew dikjarati preskritti, r-ritrattandi jargumentaw li l-fatt li l-konvenuti agixxew in *malafede* u bi hsieb ta' qerq fl-istadju meta nholoq l-obbligu ta' hlas tal-indenniz lill-atturi, iwassal ghal responsabbilità personali u *in solidum* taghhom. Dan wara kollox kif jipprovdi l-Artikolu 1049 tal-Kodici Civili, li wkoll ma nghatax applikazzjoni fil-kaz odjern.

Kwindi r-ritrattandi, filwaqt li jaghmlu referenza ghar-ragunijiet moghtija minnhom li jaghtu lok ghal ritrattazzjoni a tenur tas-subinciz (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, jitolbu li din il-Qorti thassar u twarrab s-sentenza

moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2018, fl-ismijiet premessi, tilqa' t-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza u tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza fl-istadju tal-appell. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

Ir-ritrattati Joseph Camilleri f'ismu proprju u tal-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Vera Lungaro Mifsud, fil-vesti taghhom ta' kuraturi deputati in rapprezentanza tal-eredità gjacenti tad-defunt John Camilleri, ghar-ragunijiet imfissra fir-risposta taghhom talbu li din il-Qorti tichad it-talba ghar-ritrattazzjoni, in kwantu jikkontendu li hija irritwali u nulla peress li, fl-ewwel lok jehtieg li jigi ppruvat li r-ritrattandi taw il-garanzija ghall-ispejjez, kif jitlob l-Artikolu 249 tal-Kap. 12. Inoltrè, wara li jiccitaw l-Artikolu 811(e) u principji rizultanti mill-gurisprudenza fir-rigward, jikkontendu li ladarba fir-rikors ta' ritrattazzjoni jinghad li giet imhaddma ligi b'mod zbaljat, dan proprju jinkwadra ruhu f'dak li l-ligi ma tridx, cioè li sentenza tigi attakkata ghaliex il-ligi giet applikata jew imhaddma b'mod zbaljat. Kwindi permezz tar-rikors ghar-ritrattazzjoni l-atturi ritrattandi qeghdin jattakkaw l-apprezzament u l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti, meta dan huwa proprju dak li ma tridx il-ligi.

Dottor Leslie Cuschieri u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan bhala kuraturi tas-socjetà C.B.A. Oilfield Services Ltd. (C-7284), ressqu risposta ghar-rikors ta' ritrattazzjoni tal-atturi, li permezz taghha qablu li l-Qorti tal-Appell applikat il-ligi hazina fid-decizjoni taghha, izda mhux

ghar-ragunijiet indikati mil-atturi ritrattandi, izda principalment meta zammet lit-tieni kumpannija bl-isem ta' CBA Oilfields Limited (C-7284) responsabbli mal-ewwel kumpannija bl-istess isem (C-4371) bhala successur *de facto* tal-istess. Inoltrè jikkontendu li ma jaqblux li l-intimati setghu jigu dikjarati responsabbli a bazi ta' *lifting of the corporate veil*, in kwantu tali responsabbilità kienet tikkwalifika bhala danni akwiljani, meta s-sentenza in parte li hija *res judicata*, gie dikjarat li l-kawza kellha tigi deciza fuq obbligi kuntrattwali u mhux fuq danni akwiljani, li allura gew dikjarati preskritti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet, jitrattaw il-kawza li baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Jigi osservat mal-ewwel li, sa fejn ir-ritrattati Joseph Camilleri et iqajmu lanjanza fis-sens li r-rikors ta' ritrattazzjoni huwa null, peress li fl-ewwel lok jehtieg li tinghata prova li nghatat id-debita garanzija ghall-ispejjez kif titlob il-ligi, wara li din il-Qorti ezaminat l-atti, jirrizulta li l-atturi ritrattandi ddepozitaw l-garanzija li titlob il-ligi, kif jirrizulta mill-ircevuta mahruga fil-25 ta' April, 2018, annessa mal-istess process. Ghaldaqstant il-qorti

tichad l-eccezzjoni ta' nullità mressqa mill-konvenuti ritrattati f'dan ir-rigward.

Imiss li jigi trattat il-mertu tat-talba ghat-thassir tas-sentenza. Ghandu jinghad li, ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa wiehed ta' natura straordinarja, bil-konsegwenza li l-provvedimenti li jirregolaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Din il-Qorti, kif kellha okkazjonijet ohra li taghmel, qeghda tirribadixxi dan il-principju, peress li altrimenti, il-parti sokkombenti tkun tista' terga' tiftah il-kawza u b'hekk tkun qeghda tinholoq qorti tat-tielet istanza. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-10 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella nomine:**

> "*Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massma res iudicata pro veritate habetur. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza **li mhux permess mil-ligi***".

Is-subinciz (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12, li fuqu ir-ritrattandi qeghdin jibbazaw t-talba ghas-smigh mill-gdid, jipprovdi illi tista' tigi milqugha talba bhal din "*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin*". Il-ligi fil-fatt timponi din il-limitazzjoni u tghaddi biex tiddefiniha bil-mod segwenti:

"*Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwestjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni*".

Tajjeb li jinghad ukoll li jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni taht il-provvediment tal-ligi invokat mir-ritrattandi meta jkun hemm "*violazione manifesta di una legge espressa"* (ara sentenza ta' din il-Qorti deciza fis-17 ta' Frar, 1876, fil-kawza fl-ismijiet **Comm. Francesco Azzopardi v. Francesco Galea**). Inghad ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tat-30 ta' April, 2008, fil-kawza fl-ismijiet **Anna Galea et v. St. Julian's Band Club**:

"*hemm lok ghar-ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(e) meta fuq il-fatti li jirrizultaw pruvati, l-Qorti tapplika artikolu tal-ligi minflok iehor li kellu proprjament jigi applikat. Izda ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni meta l-Qorti tapplika l-artikolu korrett tal-ligi u taghti interpretazzjoni tal-artikolu tal-ligi applikabbili ghal fatti kif jemergu fil-kaz. Dina l-Qorti ma tistax terga' tezamina mill-gdid il-fatti u tinterpretahom mill-gdid*". (sottolinjar mizjud)

Kif irrilevat minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-4 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Ganni Attard v. Direttur Generali tad-Dipartiment Veterinary and Phyto-Sanitary Regulation,** dwar dan l-istess provvediment tal-ligi:

"*Talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' ligi hazin cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, u ma hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux li applikat il-ligi tajba, fil-fehma tieghu, b'mod hazin*".

Relevanti f'dan il-kuntest ukoll huwa l-Artikolu 816 tal-Kap. 12, fil-parti li tghid hekk:

> "*Fir-rikors [li bih jintalab it-thassir tas-sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza] … … … meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata*".

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jigi ribadit li l-azzjoni attrici in ezami kienet wahda ta' danni naxxenti kemm minn reat, in kwantu jixlu lill-konvenuti b'negligenza kriminali, imprudenza, imperizja u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kif ukoll danni kuntrattwali. Izda wiehed ghandu jzomm f'mohhu li permezz ta' sentenza finali ta' din il-Qorti tat-8 ta' Gunju, 1998, din il-Qorti ddecidiet l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni fis-sens li:

> "*Infatti l-premessa principali fl-att tac-citazzjoni hi illi l-atturi għandhom dritt għad-danni kuntrattwali u dawk naxxenti minn reat in kwantu l-aġir tal-konvenuti huwa punibbli għan-negligenza kriminali. F'sitwazzjoni ta' din ix-xorta fejn l-azzjoni hi mista u bażata fuq premessi differenti tendenti għall-istess eżitu, ikunu applikabbli żewġ termini preskrittivi li jolqtu responsabilitajiet differenti tad-debitur fil-konfront tal-kreditur. Ma hemmx allura dubju illi dik il-parti tal-azzjoni li hija impernjata ex contractu, u li fiha l-atturi qegħdin jippretendu li għandhom dritt li jiġu riżarċiti għal xi danni konsegwenzjali għall-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-soċjetà konvenuta, ma tistax titqies li hi milquta bil-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li fir-rigward ta' din il-parti tal-azzjoni ma tirriżultax li hi applikabbli. Dan ma jfissirx però illi tali perjodu preskrittiv ma jistax ikun applikabbli għal dik il-parti tal-azzjoni fejn l-atturi qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq aġir delittwuż jew kważi delittwuż. Taħt dan l-aspett allura tkun applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn u l-azzjoni għandha titqies li hi estinta. Naturalment iż-żewġ faċċati tal-azzjoni għandhom jibqgħu jinżammu separati u distinti u fil-każ taħt eżami għandha titqies li ġiet salvata dik il-parti tal-azzjoni li hi bażata fuq ir-riżarċiment ta' danni kuntrattwali fejn allura l-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennali*".

Din is-sentenza ghaddiet in gudikat, kwindi meta r-ritrattandi jimpernjaw ir-rikors ta' ritrattazzjoni taghhom li giet imhaddma l-ligi b'mod zbaljat stante li thallew barra: (a) id-dispozizzjoni tal-ligi dwar il-qerq; (b) il-principju tal-*mala fides* jew "*fraus omnia corrumpit*"; (c) kif ukoll id-dottrina tal-"*lifting of the corporate veil",* dawn l-ilmenti tar-ritrattandi tabilhaqq ma jistghux jirnexxu. Dana jinghad peress li permezz tar-rikors in ezami, ir-ritrattandi jishqu li l-konvenuti Camilleri agixxew b*'mala fede* fil-konfront taghhom. Ghalkemm ir-ritrattandi f'dan ir-rigward, ma jiccitawx artikolu tal-ligi specifiku, meta jaghmlu accenn ghad-dispozizzjoni tal-ligi dwar il-qerq, ghandu jinghad li certament l-azzjoni attrici ma kinitx wahda tan-natura *actio pauliana* u lanqas wahda ta' responsabbilità ta' kummerc bi frodi. Issa huwa minnu li l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), jiddisponi li l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi, izda kif osservat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-26 ta' Jannar, 2018, attakkata permezz tal-proceduri odjerni, ghalkemm l-atturi ritrattandi jixlu lill-konvenuti *b'mala fede*, li agixxew bil-hsieb li d-drittijiet tal-atturi jigu eluzi, dan jirrelata ghal dak li sehh wara l-incident. Jekk il-konvenuti jitqiesu responsabbli ghall-qerq, f'dan il-kaz il-htija taghhom tkun ta' natura akwiljana u mhux dik ta' inadempiment kuntrattwali. Fil-fatt l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili (taht it-titolu delitti jew kwazi-delitti) jipprovdi li kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. Kwindi sa fejn danni reklamati a bazi ta' agir bil-*mala fede,* dawn certament huma ta' natura akwiljana, li kif inghad qabel,

gew dikjarati preskritti permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Gunju, 1998, citata qabel, u ghalhekk l-azzjoni tar-ritrattandi ma tistax tirnexxi.

Ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-principji esposti mir-ritrattandi, fis-sens li l-Qorti m'ghandhiex thalli lil min jahti ghal agir b'*mala fede* jiehu vantagg mill-agir tieghu u li, f'certu sitwazzjonijiet determinati, direttur ghandu jkun mizmum personalment responsabbli ghall-hsara li tigri bl-agir delittwuz tieghu u li f'tali kaz, dik il-persuna m'ghandhiex tinheba wara l-*corporate veil,* izda f'dan il-kaz il-pretensjonijiet tar-ritrattandi, kif impustati, huma estinti, bis-sentenza finali li ddecidiet li d-danni akwiljani jinsabu preskritti. Ghalhekk ukoll, ghalkemm din il-Qorti hija ben konsapevoli tal-gurisprudenza citata mir-ritrattandi, fis-sens li min jagixxi bi frodi, ma jistax jinheba wara l-*corporate veil,* f'dan il-kaz, il-pretensjonijiet tar-ritrattandi ma jistghux jirnexxu.

In kwantu r-ritrattandi jsejjsu l-azzjoni taghhom a tenur tal-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, u fuq l-Artikolu 1049 tal-Kodici Civili, jigi osservat li gia ladarba huma jsostnu li d-diretturi ritrattati agixxew b'qerq, dan bilfors ifisser li qeghdin jinvokaw is-subinciz (1) ta' dan il-provvediment, fejn jinghad:

> "*Meta tnejn min-nies jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghal hlas ta' dik il-hsara hi in solidum*".

Dana peress is-subinciz (2) jikkontempla kazijiet fejn uhud ikunu mxew dolozament u ohrajn le, li ma jirriflettix il-pretensjonijiet tar-ritrattandi. Izda ladarba s-solidarjetà f'obbligazzjoni civili hija marbuta mal-hsara li ssir dolozament hawn ukoll, sa fejn dan jikkwalifika bhala agir delittwuz jew kwazi delittwuz, jinkwadra ruhu wkoll taht l-azzjoni akwiljana li tinsab dikjarata preskritta kif spjegat qabel. Inoltrè f'dan il-kaz, ma sar ebda zball fil-ligi, ghax kemm l-ewwel Qorti, kif ukoll din il-Qorti kienu konxji tal-fatt li sa fejn l-azzjoni attrici kienet ippernjata fuq danni akwiljani din kienet dikjarata preskritta, kwindi lanqas tirrizulta li kien hemm il-htiega li l-Qorti tezamina l-artikolu invokat mir-ritrattandi.

Lanqas iregi l-argument tar-ritrattandi sa fejn jilmentaw li filwaqt li l-Qorti adoperat il-principju ta' *lifting of the corporate veil* bejn iz-zewg kumpanniji ritrattati, li ghandhom personalità guridika distinta u permezz ta' *fictio iuris* ikkomunikat ir-responsabbilità mill-ewwel kumpannija ghat-tieni kumpannija u kkundannathom ihallsu d-danni *in solidum*, izda ma applikatx l-istess principju fir-rigward tad-diretturi. Dana peress kif specifikat l-istess Qorti fis-sentenza attakkata, r-responsabbilità li giet allokata lit-tieni socjetà kien qieghed isir mhux *ex delicto* izda bhala s-successur *de facto* tal-ewwel wahda in kwantu mill-provi rrizulta li "*ma kien hemm l-ebda differenza bejn l-ewwel kumpannija u t-tieni kumpannija, fis-sens illi kien hemm l-istess azzjonisti u l-istess diretturi*". Dana sar peress li gustament kien ritenut li l-finzjonijiet legali

m'ghandhomx jithallew ixekklu li ssir gustizzja, aktar u aktar meta min kien qieghed jinqeda bihom ghamel hekk bi skop dizonest. Filwaqt li din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan il-principju, issib li f'dan il-kaz ir-ritrattandi qeghdin semplicement jittantaw jestendu l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti ghall-beneficcju tal-pretensjonijiet taghhom, sabiex tigi allokata r-responsabbilità ghal fuq id-diretturi fil-vesti taghhom personali.

Jigi ribadit li dwar l-allegat zball fil-ligi, talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' ligi hazina cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, u ma hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux li applikat il-ligi tajba, fil-fehma tar-ritrattandi, b'mod hazin.

Huwa xoghol il-Qorti li wara li tqis il-fatti li jirrizultawlha, li tapplika ghalihom il-ligi li tghodd. Dan huwa l-qofol tal-ezercizzju ta' kull Qorti, li fih hemm ukoll element ta' uzu ta' diskrezzjoni. Hija l-ligi stess li taghti espressament lill-gudikant tali diskrezzjoni. Dwar dan l-ezercizzju ta' diskrezzjoni, ma hemm ebda rimedju ta' ritrattazzjoni, kemm jekk il-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha l-Qorti tkun wahda oggettivament tajba,

kif ukoll jekk ma tkunx. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Novembru, 1993, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Micallef v. George Pavia**).

Kwindi dan l-aggravju tar-ritrattandi ma jistax jirnexxi, u ghall-istess ragunijiet, lanqas jista' jitqies validu l-argument maghmul minn uhud mir-ritrattati, li ghalkemm ghal ragunijiet differenti qablu li din il-Qorti applikat il-ligi hazina fid-decizjoni taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tal-atturi ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza li tat din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2018, u tichad ukoll it-talba konsegwenzjali ghas-smigh mill-gdid tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha relattivi u marbuta ma' din il-procedura jithallsu mill-istess ritrattandi.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb